MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2010

Talba Numru. 520/2007

**Oliver u Allison konjugi Azzopardi**
**(ID-626782M u 410782M)**

**vs**

**Francis sive Frank u Maria-Josefa**
**konjugi Buhagiar (ID-296368M u 242878M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Gunju 2007 fejn intalab sabiex il-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-atturi s-somma ta' Lm215 (mitejn u hmistax il-Lira Maltin) illum ekwivalenti ghal Euro 500.81 (hames mitt ewro u wiehed u tmenin centezmu) rapprezentanti kwantu ghal Lm180 (mija u tmenin lira Maltin) jew €419.29 (erba' mija u dsatax il-ewro u tmienja u ghoxrin centezmu) bhala valur ta' danni sofferti fil-proprjeta taghhom 14 Triq il-Qastan, Bahrija minnhabba perkolazzjon ta' ilma tax-xita konsegwenza diretta tal-fatt illi l-konvenuti naqqsu li milli jeffettwaw xoghol rimedjali ta' tikhil ta' hajt tal-bricks liema

hajt gie mgholli mill-konvenuti fuq l-opramorta illi tifred iz-zewgt ibjut rispettivi kif jirrizulta mir-rapport tal-perit Anthony Galea anness u markat Dok A u kwantu ghal Lm35 jew €81.52 bhala spejjes ta l-istess rapport peritali kif jidher minn ricevuta annessa u markata Dok B.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti datata 22 ta' Ottubru 2007 fejn ikkontestaw it-talba attrici peress li kienet infondata fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandha tigi respinta. Illi skond rapport u ritratti mhejja mill-Perit Albert Borg Costanzi annessi u markati Dok P1 sa P3 ghandu jirrizulta li l-hsara gejja minn nuqqas ta' manutenzjoni da parti ta l-istess atturi fil-kamra tal-bejt taghhom. Salve eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

Ezamina l-provi prodotti inkluz id-dokumenti esebiti.

Sema t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensur tal-konvenuti.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra.

Illi t-Tribunal mill-ewwel jinnota li ghalkemm gew prodotti rapporti peritali konfliggenti bejn iz-zewg partijiet, dak esebit mill-atturi ma jindikax ir-raguni il-ghala huwa wasal ghal tali konkluzjoni filwaqt li dak sottomess mill-konvenuti jindika b'aktar precizjoni-nuqqasijiet imputabbli ghall-istess atturi. Madankollu peress illi t-Tribunal kif kompost ma hux tekniku, huwa nnomina espert tekniku biex jassistiha. Fil-fatt l-Arkitett Godwin Abela nominat minn dan it-Tribunal hejja r-rapport tieghu u wara li kkunsidra c-cirkostanzi kollha minnu ndikati fl-istess rapport wasal ghal konkluzjoni skjetta li d-dhul tal-ilma fil-kamra tal-bejt ta' l-atturi ma ghandu x'jaqsam xejn mal-estenzjoni tal-opramorta bil-bricks da parti tal-konvenuti u jkompli jafferma li l-kawza tal-perkolazzjoni kienet principalment minn kisi fuq il-hajt ta l-istess washroom fuq in-naha tal-

konvenuti li ma sarx skond is-sengha u l-arti u kif ukoll il-ghaliex ma gietx applikata zebgha esterna fuq l-istess wicc tal-hajt tal-washroom cioe fattturi li certament ma humiex imputabbli ghall-konvenuti.

It-Tribunal jinnota li l-provi kollha fuq il-meritu ta’ dan il-kaz gew ilkoll prodotti u mismugha quddiem l-istess Perit Tekniku nominat minn dan it-Tribunal u l-kostatazzjonijiet u konkluzjonijiet kollha maghmula mill-istess Perit Tekniku saru fuq valutazzjoni tieghu stess ta’ dawn il-provi. Illi minn ezami tal-istess rapport, dan it-Tribunal ma jsib ebda raguni plawsibbli il-ghala huwa ghandu jiddipartixxi mill-konkluzjoni li wasal ghaliha l-istess Perit Tekniku riferibbilment ghat-talba attrici.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti u konsegwentement jichad it-talba attrici bl-ispejjes kollha ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-istess atturi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------